Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

Nº: 24/16

**AVVIŻI**

**12 ta' Ġunju 2016**

Nhar il-Ħadd 12 ta' Ġunju l-membri tal-Kumitat tal-Festa sa jkunu qed jiġbru bieb bieb għall-festa titulari.

Nhar it-Tnejn 13 ta' Ġunju niċċelebraw il-festa ta' Sant'Antnin. Fis-7pm ssir quddiesa bis-sehem tat-tfal tal-parroċċa u jitbierek u jitqassam il-ħobż.

Nhar is-Sibt 18 ta' Ġunju nagħtu bidu għall-festa tal-parroċċa tagħna b'Festa Familja fil-pjazza ta' quddiem il-Knisja fit-8pm.

Nhar il-Ħadd 19 ta' Ġunju fil-quddiesa ta' filgħaxija jingħata l-mandat lil-Letturi għas-sena li ġejja u ssir il-vestizzjoni ta' abbati ġdid. Fi tmiem il-quddiesa jsir il-ħruġ tal-vara titulari min-niċċa.

Dawk li jixtiequ joffru bukkett fjuri għal żmien il-festa għandhom iħallu isimihom fis-sagristija.